**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Numru: 251/16**

**GO p.l.c (C22334)**

**Vs**

**Christian Franz Thurner (ID 127470A)**

**Illum 31 ta Jannar 2017.**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' GO p.l.c. (C22334) fil-11 ta' Ottubru, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut Christian Franz Thurner (ID 127470A) ihallas is-somma komplessiva ta' hamest elef, mitejn u tnejn u sebghin Ewro u tmien centezmi (€5,272.08) rapprezentanti ammont pendenti dovut minnu lis-socjeta' rikorrenti in konnessjoni mal-akkont li jgib in-numru AC40512343, ghall-ipprestar ta' servizzi telefonici ('Limitless 99') bejn is-sena 2015 u 2016.

Is-socjeta' attrici tirrileva illi, malgrado li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-hlas tal-kwantum surriferit il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza fil-konfront tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-prezenti rikors sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha, kontra l-intimat, u b'ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi il-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal Charles Cassar datat 13 ta' Jannar 2017 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta attrici (fol. 28 tergo). Inoltre dakinhar thalliet kopja tar-rikors promotur fil-kunsill lokali tax- Xghajra u fl-ghassa tal-pulizija tax-Xghajra.

Rat illi l-konvenut gie notifikat dwar ir-rikors permezz ta' publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-13 ta' Jannar 2017 (fol. 23) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar id-19 ta' Jannar 2017 (Dok. B) (fol. 27).

Rat illi fis-seduta tas-25 ta' Jannar 2017 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, biex jikkontesta t-talba attrici .

Rat illi l-avukat difensur tal-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tal-25 ta' Jannar 2017.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hamest elef, mitejn u tnejn u**

**sebghin Ewro u tmien centezmi (€5,272.08) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tar- rikors promotur sad-data tal-pagament effettiv.**

Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Magistrat